NAXXAR

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 9 - L-ERBGĦA 13 TA' JANNAR 2010**

## LAQGĦA B'URĠENZA

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fl-4:20pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Kunsillier |
| | David Bonello | Kunsillier |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Mario Brincat | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Is-Sur Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat: | Clifford Galea | Kunsillier (marid) |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm pubbliku preżenti. | |

**1. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

1.1. Is-Sindku infurmat li din il-laqgħa ngħajtet b'urġenza sabiex tiġi diskussa l-kwistjoni tal-Fieri fin-Naxxar.

1.2. Is-Sindku infurmat ukoll li skont rapport li deher fuq gazzetta lokali, il-fieri jistgħu jerġgħu jibdew joperaw min-Naxxar. Hija ssuġġeriet li l-Kunsill għandu jikkomunika mal-avukat tiegħu biex naraw jekk dan il-permess inħariġx b'mod legali jew le.

1.3. Hawnhekk is-Sindku talbet l-opinjoni tal-Kunsilliera kollha dwar x'jaħsbu li għandhom ikunu l-passi tal-Kunsill wara dan ir-rapport.

1.4. Il-Kunsilliera Miceli talbet li jiġi vverifikat eżatt il-Pjan Lokali u ssir oġġezzjoni formali.

1.5. Il-Kunsillier Brincat qabel li l-Kunsill għandu jieħu parir legali mingħand l-avukat tiegħu.

1.6. Il-Kunsillier Gatt qal li jidhirlu li mhux permessibbli li jkun hemm żewġ operaturi ta' fieri f'Malta u għaldaqstant seta' jopera biss dak ta' Ta' Qali jew tan-Naxxar. Huwa talab lill-Kunsill jinvestiga dwar min kienet dik il-persuna mill-MEPA li qalet li TFEA setgħet topera min-Naxxar.

1.7. Il-Kunsill kien infurmat li diġà twasslet ittra lill-MEPA biex tikkjarifika iżda sa qabel din il-laqgħa kienet għadha ma twasslet l-ebda risposta min-naħa taċ-*Chairman*.

1.8. Il-Kunsilliera Miceli infurmat li hija kienet għadha kif ġiet notifikata li l-*Careers Convention* għall-istudenti din is-sena kienet se tinżamm ġewwa n-Naxxar fil-*grounds* tal-Fiera u mhux Ta' Qali kif oriġinarjament maħsub.

1.9. Il-Kunsillier Sammut qabel mal-proposta tas-Sindku li jittieħed parir legali dwar din il-kwistjoni. Issuġġerixxa wkoll li ssir kommunikazzjoni mal-istampa iżda s-Sindku assiguratu li din diġà saret. Huwa ssuġġerixxa wkoll li l-Kunsill għandu jlaqqa' r-residenti kkonċernati u jekk hemm bżonn issir protesta biex nuru solidarjetà mar-residenti li joqgħodu biswit il-binja.

1.10. Hawnhekk kulħadd qabel mal-idea tal-Kunsillier Sammut biex issir laqgħa mar-residenti iżda kien hemm qbil ukoll li għalkemm il-Kunsill huwa kontra l-inkonvenjenza kollha li ġġib magħha kważi kull fiera li tiġi organizzata, il-Kunsill mhux kontra l-organizzazzjoni tal-fieri nfushom per se.

1.11. Il-Viċi Sindku qabel li l-Kunsill għandu jieħu parir legali u jkompli jinsisti mal-MEPA jekk jiġi vverifikat li dan il-permess imur kontra l-Pjan Lokali.

1.12. Il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami infurmat li hija taqbel ukoll mal-parir legali, li m'hijiex kontra l-organizzazzjoni tal-fieri, iżda li kemm-il darba dan imur kontra l-Pjan Lokali taqbel li l-Kunsill għandu joġġezzjona. Hija ssuġġeriet li kemm-il darba jinħareġ il-permess il-Kunsill għandu jinsisti li jsiru numru ta' kundizzjonijiet favur ir-residenti Naxxarin.

1.13. Il-Kunsillier Bonello qabel li huwa kontra li l-fieri jerġgħu jibdew jiġu organizzati n-Naxxar. Huwa talab lill-Kunsill biex jivverifika l-każ u jieħu azzjoni skont ir-riżultat.

1.14. Il-Kunsilliera Miceli ssuġġeriet li l-Kunsill għandu jipprotesta xorta waħda kontra l-fatt li l-Kunsill qatt ma ġie kkonsultat qabel ma ttieħdet din id-deċiżjoni u anke minħabba l-inkonvenjenza li se toħloq lir-residenti. Barra minn hekk hija taqbel li huwa importanti li wieħed jipprova jsib soluzzjoni għall-problemi kollha li kellhom ir-residenti u li jerġgħu jiffaċċjaw kemm-il darba terġa' tibda topera l-fiera.

1.15. Is-Sindku qalet li għaldaqstant kulħadd kien qed jaqbel li jittieħed parir legali mingħand l-avukat tal-Kunsill. Kemm-il darba huwa ma jieħux ħsieb kwistjonijiet simili, il-Kunsill kien se jitolbu biex jissuġġerixxi avukat tajjeb li jkun jista' jgħin lill-Kunsill biex jiġġieled dan il-każ.

1.16. Il-Kunsillier Gatt issuġġerixxa li jekk huwa minnu li ngħata l-permess, l-avukat għandu jivverifika jekk il-permess inħariġx fuq fieri biss inkella li jistgħu jiġu organizzati wkoll xi 'parties' bħalma diġà saru fil-passat.

1.17. Għall-mistoqsija tal-Kunsilliera Muscat Fenech Adami rigward jekk il-parkeġġ kienx inbiegħ jew le, il-Kunsillier Bonello informa li huwa sema' li parti minnu kien se jieħdu l-Gvern Ċentrali u jagħtihom xi mkien ieħor bi tpartit.

1.18. Is-Sindku qalet li flimkien mal-fatturi tan-nuqqas ta' konsulenza, l-inkonvenjenza lir-residenti u li l-permess imur kontra l-Pjan Lokali, il-Kunsill għandu joġġezzjona dwar il-fatt li skont informazzjoni li għandna, il-parkeġġ li diġà ma kienx adegwat, issa se jkompli jonqos u għaldaqstant il-problema se tkompli tikber aktar.

1.19. Hawnhekk il-Kunsillier Brincat skuża ruħu. Il-ħin kien il-4:40pm.

1.20. Il-Kunsill qabel li għandha ssir ittra mill-avukat tal-Kunsill indirizzata lill-MEPA bil-punti hawn fuq imsemmija, b'kopja tagħha tintbagħat ukoll lill-Onorevoli Chris Said, lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kif ukoll lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

## 2. AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA

2.1. Il-laqgħa spiċċat fil-4:45pm.

2.2. Il-laqgħa normali li jmiss se tinżamm kif imsejjaħ qabel, ċoè nhar it-Tlieta 19 ta' Jannar 2010 fis-7:30pm.

**Maria F. Deguara** *MD,MMCFD*
Sindku

**Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM*
Segretarju Eżekuttiv